**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**Magistrat Dr. Monica Vella LL.D., M.Jur**

**Il-Pulizija**
**(Spt. Matthew Spagnol)**

**vs**

**Juan Sebastian Gonzalez Galeano**

**Illum 6 ta' Frar 2017**

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjoni migjuba kontra;

**Juan Sebastian Gonzalez Galeano**, detentur tal-passaport Kolombjan b'numru AT061425;

Akkuzat talli nhar l-4 ta' Frar 2017, ghall-habta tas-6.30am, gewwa l-fond Beach Club, Triq id-Dragunara, San Giljan, volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, ghad-detriment tal-iskola tal-lingwa EF, liema ammont tal-hsara ma jiskorrix elfejn u hames mitt Ewro (€2,500) izda huwa izjed minn mitejn u hamsin Ewro (€250).

Semghet l-ammissjoni tal-imputat;

Tat zmien ragonevoli lill-imputat sabiex jirrikonsidra l-ammissjoni tieghu;

Rat li waqt l-udjenza tal-lum mizmuma minn din il-Qorti l-imputat rega' afferma l-ammissjoni tieghu anke wara li l-Qorti tatu zmien jirrikunsidra il-posizzjoni tieghu, u ghalhekk tali ammissjoni giet registrata in atti fis-seduta tal-lum stess;

Rat il-verbal tal-udjenza tal-lum stess;

Rat id-dokumenti esebiti;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet it-trattazzjoni dwar il-piena da parti tal-prosekuzzjoni.

Ikkunsidrat:

Illi stante ammissjoni l-akkuzi jirrizultaw pruvati;

Illi dwar il-piena l-Qorti hadet in konsiderazzjoni n-natura tar-reat li tieghu qieghed jinstab hati l-imputat u l-ammissjoni tal-imputat fl-aktar stadju bikri ta' dawn il-proceduri.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti, wara li rat l-artikolu 325 (1) (b) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, fuq ammissjoni ssib lill-imputat hati ta' l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu u bl-applikazzjoni tal-Artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta tikkundannah sitt xhur prigunerija sospizi ghal sentejn kif ukoll tikkundannah ihallas is-somma

ta’ elf Ewro (€1000) tal-hsarat lill-iskola tal-Lingwa EF liema hlas ghandu jsir fi zmien xahar mil-lum.

Il-Qorti spjegat lill-imputat fi kliem ordinarju l-import ta’ din is-sentenza.

**Magistrat Dr. Monica Vella LL.D, M. Jur.**

Angelo Buttigieg
Deputat Registratur